MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru. 86/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Daniel Mizzi ta' 32 sena, bin Carmel u Mary nee` Barbara imwieled Camperdown New South Wales Awstralja fis-6 ta' Marzo 1980 u joqghod St. Anthony Triq is-Skiet Marsaskala detentar tal-karta ta' l-identita` b'numru 145890**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fis-27 ta' Settembru, 2012, waqt li kien fi Triq il-Pitiross fil-Fgura u f'dawn il-Gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kiex b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tighu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. kif ukoll kiser kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta nhar is-18 ta’ Lulju 2011 mill-Qorti tal-Magistrat Malta Dr. Edwina Grima LL.D, nhar it-12 ta’ Settembru, 2011

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta'hames mitt euro (€500).

Inoltre wara li rat l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta tikkonverti is-sentenzi tat-18 ta' Lulju, 2011 u tat-12 ta' Settembru, 2011 f'zewg multi ta' hames mitt euro (€500) il-wahda biex b'hekk b'kollox l-imputat irid ihallas multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500) liema multa tista' tithallas f'rati mensili ta' hamsin euro (€50) il-wahda bl-ewwel pagament sa l-ahhar ta' Mejju, 2013.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------